# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru: 12**

**Rikors Numru: 1033/11 SM**

**Multigas Limited C-8318**

**v.**

**Cherubino Limited C-3677**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat fil-21 ta' Ottubru, 2011, mis-socjetà attrici Multigas Limited li jghid hekk:

"1. Illi s-socjeta` rikorrenti tispecjalizza fil-manifattura ta' gass industrijali u toffri diversi servizzi ancillari f'dan is-settur, fosthom l-installazzjoni ta' apparat relatat ma' cilindri tal-gass fuq livell industrijali.

"2. Illi s-socjeta` rikorrenti giet inkarigata, mis-socjeta` intimata, sabiex tezegwixxi u twettaq xoghol ta' installazzjoni ta' hames

(5) cilindri tal-gass industrijali *ossija 'single-cylinder manifolds'* u pajpijiet tal-gass ghall-provvista ta' hames tipi differenti tal-gass *ossija* ghall-provvista tan-nitrogenu, tal-arja kompressata, tal-idrogenu, tal-elju u tal-gass maghruf xjentifikament bhala *Liquefied Petroleum Gas* (normalment identifikat bl-akronimu L.P.G.).

"3. Illi dan l-inkarigu lis-socjeta` rikorrenti nghata mis-socjeta` intimata, wara li s-socjeta` intimata nghatat it-*tender* bin-numru CT 201/2005 minghand id-Dipartiment tal-Kuntratti Pubblici, ghal tghamir gdid fil-laboratorju nazzjonali ta' Malta *ossija* il-*Public Health Laboratory* sitwat fi Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.

"4. Illi s-socjeta` rikorrenti kkompletat ix-xoghol li tqabbdet taghmel skont is-sub-appalt.

"5. Illi ftit wara t-tlestija tax-xoghol in kwistjoni da parti s-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata ilmentat dwar hsarat li allegatament gew ikkawzati fl-apparat integrali tal-kromotografu, meta jidher li sar zball fl-ittikkettjar tal-pajpijiet li kienu jiffurmaw parti mis-sistema installata mis-socjeta` rikorrenti, fis-sens illi t-tikketta li kellha tigi mwahhla mal-pajp ghall-provvista tan-nitrogenu, giet imwahhla erronjament mal-pajp ghall-provvista tal-arja kompressata. Minhabba dan il-*mislabeling*, il-kromatografu tal-gass, minflok li gie konness mal-pajp ghall-provvista tan-nitrogenu gie konness erronjament mal-pajp ghall-provvista tal-arja kompressata.

"6. Illi jidher li l-ebda hsara ma giet ikkawzata fl-apparat minhabba dan il-*mislabeling* u fil-fatt l-apparat qieghed jahdem b'mod normali, anke kif jirrizulta minn rapporti teknici li ghandha f'idejha s-socjeta` rikorrenti.

"7. Illi ghalkemm is-socjeta` rikorrenti ma accettat ebda responsabbilta`, saru diversi tentattivi bla pregudizzju bl-iskop li jigu kwantifikati l-hsarat li s-socjeta` intimata qeghdha tghid gew ikkawzati fl-apparat in kwistjoni, li izda esklussivament minhabba nuqqas ta' interess da parti l-istess socjeta` intimata, dan qatt ma sehh.

"8. Illi fil-fatt, ukoll minghajr pregudizzju, u bl-iskop li r-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti jibqghu produttivi u tajbin, is-socjeta` rikorrenti ghamlet ukoll *claim* mal-assikuraturi taghha Atlas Insurance PCC Limited.

"9. Illi s-socjeta` intimata kellha thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' dsatax-il elf, hames mija u hmistax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€19,515.49) rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet maghmul mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta` intimata, kif imfisser hawn fuq.

“10. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata giet interpellata sabiex thallas l-ammont mitlub, permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 29 ta’ Gunju, 2008 u 31 ta’ Mejju, 2010 rispettivament, hija baqghet inadempjenti.

“11. Ghalhekk kellha tigi istitwita l-kawza odjerna.

“Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta` intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra opportuna, m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ dsatax-il elf, hames mija u hmistax-il Euro disgha u erbghin centezmu (€19,515.49), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

“2. Tordna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ dsatax-il elf, hames mija u hmistax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€19,515.49), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

“Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Gunju, 2008 u tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Mejju, 2010, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta` intimata, li r-rapprezentant jew rapprezentanti taghha huwa/huma minn issa ngunt/l ghas-subizzjoni.”

Rat illi ghalkemm is-socjetà konvenuta Cherubino Limited, kienet debitament notifikata kemm bir-rikors guramentat, kif ukoll bl-Avviz ghas-smigh tal-kawza, hija naqset milli tipprezenta risposta guramentata fit-terminu preskritt ta’ ghoxrin jum, kif jipprovdi l-Artikolu 158(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Jannar, 2012, fejn l-ewwel Qorti rrilevat li s-socjetà konvenuta, kienet notifikata u kienet tinsab fi stat ta’ kontumacja.

Rat ir-rikors tas-socjetà konvenuta tas-7 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet lill-ewwel Qorti li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzaha tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha.

Rat id-decizjoni tal-ewwel Qorti tas-7 ta' Dicembru, 2012, li permezz taghha cahdet it-talba tas-socjetà konvenuta peress li r-rikors kien ritenut superfluwu u intiz biss ghal dilungar li ma kienx meqjus accettabbli.

Rat is-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Dicembru, 2012, li permezz taghha iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrci kif dedotti stante li kienet sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement iddikjarat li s-socjeta` konvenuta Cherubino Limited ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti Multigas Limited is-somma ta' dsatax-il elf, hames mija u hmistax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu, (€19,515.49); ikkundannat lis-socjeta` konvenuta biex thallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat; bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali kummercjali mid-29 ta' Gunju, 2008, (data tal-ewwel ittra ufficjali), sad-data tal-pagament effettiv.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:
>
> "1. Illi s-socjeta` rikorrenti timmanifattura u tbiegh gass industrijali u makkinarju relatat;
>
> "2. Illi s-socjeta` ntimata talbet lil dik rikorrenti taghmlilha xi xoghlijiet, u fl-istess hin, din l-istess socjeta` ntimata hadet "tender" biex taghmel xi xoghlijiet ghall-Gvern;
>
> "3. Illi x-xoghlijiet in dizamina espletati mis-socjeta` rikorrenti saru fl-2006, u sal-lum ghadha ma thallsitx taghhom;
>
> "4. Illi x-xoghlijiet in dizamina kienu jirrigwardaw il-forniment ta' "L.P.G." fl-"Evans Laboratory" il-Belt;
>
> "5. Illi wara li x-xoghlijiet kollha kienu debitament esegwiti s-socjeta` ntimata qajjmet xi lmenti rigwardanti xi "labels" allegatament imwahhla hazin;
>
> "6. Illi s-socjeta` rikorrenti nvolviet lis-socjeta` assikuratrici taghha fil-kaz;
>
> "7. Illi rizultat tal-ittikettar zbaljat allegatament dahal gass zbaljat fl-apparat u s-socjeta` ntimata giet anke mitluba tbiddel xi apparat;
>
> "8. Illi nonostante tali allegazzjonijiet jidher li l-apparat in kwistjoni ghadu qed jigi wzat fil-post;
>
> "9. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti ghall-apparat minnha stallat lis-socjeta` ntimata ghadu ma giex saldat nonostante diversi nterpellazzjonijiet;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi nonostante l-allegazzjonijiet ta' ittikkettjar zbaljat u l-konsegwenti hsarat li allegatament saru, l-ebda prova ma giet imressqa fir-rigward;
>
> "Illi ghalhekk tissottlinea li din il-procedura hi biss wahda li qed titlob ghall-hlas ta' konsenja u stallar ta' prodott li s-socjeta` ntimata naqset li tikkonforma ruhha mal-obbligi minnha assunti;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi dak li jirrizulta in atti, hu sintetikament is-segwenti:

> "1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkonsenjat u stallat l-apparat de quo fuq talba u fuq struzzjonijiet tas-socjeta` ntimata li kellha l-esperti taghha prezenti waqt l-istallazzjoni effettiva tal-apparat li anke ddirigew l-istess stallazzjoni;
>
> "2. Illi l-ammont dovut ghal tali ezercizzju ghadu ma giex imhallas mis-socjeta` ntimata lil dik rikorrenti;"

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà konvenuta Cherubino Limited, li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet lil din il-Qorti li thassar u tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, tal-11 ta' Dicembru, 2012, u minflok li tirrimetti l-kawza quddiem l-ewwel Qorti sabiex wara li s-socjetà konvenuta appellanti tigi ammessa li tressaq l-eccezzjonijiet taghha fil-mertu, jinstemghu l-provi tal-partijiet u tinghata sentenza skont il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellata.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà appellata li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti tichad l-appell interpost mis-socjetà appellanti u tikkonferma fis-shih is-sentenza tal-11 ta' Dicembru, 2012, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu il-partijiet, permezz tal-avukati rispettivi taghhom, irrimettew ruhhom ghall-atti bil-miktub u ddikjaraw li l-appell jista' jithalla ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi permezz tal-appell in ezami, is-socjetà appellanti qeghda titlob li jithassar kemm id-digriet tas-7 ta' Dicembru, 2012, kif ukoll is-sentenza moghtija fil-11 ta' Dicembru, 2012 tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tigi ammessa li tressaq l-eccezzjonijiet taghha fil-mertu, jinstemghu l-provi tal-partijiet u tinghata sentenza skont il-ligi.

L-appell huwa msejjes fuq zewg aggravji principali. L-ewwel wiehed fosthom huwa dak li skont il-gurisprudenza nostrana, id-decizjoni dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja ghandha ssir permezz ta' sentenza, mentri f'dan il-kaz id-decizjoni tal-ewwel Qorti tas-7 ta' Dicembru, 2012, inghatat fil-forma ta' digriet.

In kwantu ghad-differenza bejn digriet u sentenza, kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tad-9 ta' Mejju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Philip O. Gatt pro et noe. v. Adrian Busietta pro et noe.**:

> "il-provvedimenti li ghandhom min-natura ta' degriet jintgharfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza principalment minn jekk dawn jaghlqux il-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun inghata. Huwa maqbul b'awtorita' li jekk decizjoni taghlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naha l-ohra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett procedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bhala degriet."

Applikati dawn il-kriterji ghall-kaz in ezami, mad-daqqa t'ghajn id-decizjoni tas-7 ta' Dicembru 2012, ghandha ghamla ta' digriet aktar milli ta' sentenza. Jigi rilevat, izda, li d-decizjoni in ezami, ghandha tittiehed ukoll fil-kuntest tar-rikors illi sar mis-socjetà appellanti quddiem l-ewwel Qorti. Wara aktar minn sena li gew istitwiti l-procedimenti tal-kawza u erbat ijiem biss qabel ma kellha tinghata s-sentenza, **intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza** sabiex is-soċjeta` konvenuta tigi awtorizzata tressaq l-eccezzjonijiet taghha. L-ewwel Qorti permezz tad-decizjoni taghha tas-7 ta' Dicembru 2012, cahdet it-talba tas-socjetà konvenuta, billi ma sabet l-ebda gustifikazzjoni ghal dak mitlub.

Minn ezami tal-atti din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak deciz mill-ewwel Qorti. Dan qieghed jinghad peress li minkejja li s-socjetà appellanti kienet debitament notifikata, hija mhux biss naqset milli tipprezenta r-risposta taghha, izda naqset milli tidher ukoll quddiem il-Qorti. Aghar minn hekk, tul il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, kien hemm b'kollox erba' differimenti ohra, fejn fi tlieta minnhom deher l-avukat tas-socjetà konvenuta u qatt ma jirrizulta li sar tentattiv sabiex il-kontumacja tigi gustifikata. L-uniku tentattiv rizultanti mill-atti sar proprju erbat ijiem qabel ma kellha tinghata s-sentenza appellata. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ghamlet sew meta cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, kunsidrat in-nuqqas tas-

socjetà appellanti li tittanta tiggustifika l-kontumacja taghha ghal sena shiha li damu ghaddejjin il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u thalli ghall-ahhar jiem qabel is-sentenza biex tipprova taghmel dan. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti stqarret li tali agir tas-socjetà appellanti kien inaccettabbli, meta cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Huwa minnu li hemm numru ta' sentenzi ta' din il-Qorti, diversament komposta, li rritenew li decizjoni tal-ewwel Qorti li tiddikjara li konvenut ma jkunx iggustifika l-kontumacja tieghu, ma tistax tigi kkonsidrata bhala semplici digriet interlokutorju, izda li ghandha titqies bhala sentenza vera u proprja. Hekk, per ezempju, intqal fis-sentenzi ta' dawn il-qrati, wahda tat-3 ta' Dicembru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Galea v. Olga Agius** et, f'dik fl-ismijiet **Albert Mizzi et noe v. Emmanuel Navarro**, deciza fl-20 ta' Jannar, 1986, u l-kawza fl-ismijiet **Dr. Paul Pullicino Noe v. Adrian Mifsud noe.** deciza fid-29 ta' Frar, 1984. Madankollu, kif rajna d-decizjoni in ezami tas-7 ta' Dicembru, 2012, ma kenitx wahda li titratta il-gustifikazzjoni tal-kontumacja *sic et simpliciter,* izda primarjament kienet titratta dik tas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Fi kwalunkwè kaz, huwa ritenut li s-socjetà appellanti ma sofriet ebda pregudizzju, ladarba hija xorta ressqet l-appell odjern li jitratta kemm id-

decizjoni tas-7 ta' Dicembru 2012, kif ukoll is-sentenza nnifisha tal-11 ta' Dicembru, 2012.

Isegwi li l-ewwel aggravju tas-socjetà appellanti ma jimmeritax li jintlaqa'.

Taht it-tieni aggravju taghha, s-socjetà appellanti tishaq illi l-kontumacja taghha ghandha tigi gustifikata, peress li kemm qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna kif ukoll wara, kienu ghaddejjin trattattivi sabiex jaslu ghat-transazzjoni tal-kawza. Hija tilmenta li ma pprezentatx risposta guramentata bi ftehim mal-avukati difensuri tas-socjetà appellata. Jinghad li dan jirrizulta mill-istess verbal tat-18 ta' Jannar, 2012, meta d-difensur tas-socjetà appellata informa lill-Qorti li kienu ghaddejjin trattattivi bil-ghan li tintlahaq transazzjoni u talab differiment ghal dan il-ghan. Jinghad ukoll li l-fatt fih innifsu li deher id-difensur tas-socjetà appellanti ghal tliet seduti konsekutivi ghandu jixhed li s-socjetà appellanti ma kellha ebda interess li tibqa' kontumaci. Is-socjeta' appellanti targumenta wkoll li l-fatt li kien hemm id-difensur taghha prezenti, ma jistax jinghad li kien hemm assenza fizika taghha.

Is-socjetà appellanti tghid illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012, id-difensur taghha talab l-opportunità li jiggustifika l-kontumacja, izda l-ewwel Qorti cahdet din it-talba u wissietu li jekk ser issir talba f'dan is-

sens, kien ser jinzamm hati ta' disprezz. Taghmel referenza ghal proceduri separati quddiem l-istess Qorti tal-prim'istanza fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut u minghajr talba ghal gustifikazzjoni taghha, il-konvenut f'dik il-kawza, nghata l-opportunità li jressaq il-provi, mentri f'dan il-kaz is-socjetà appellanti ma nghatatx ic-cans li tispjega l-kontumacja taghha li hija ritenuta minnha bhala legalment gustifikata.

Fl-ahhar tghaddi biex telenka r-rassenja ta' gurisprudenza dwar l-istitut tal-kontumacja, biex issostni li bl-agir taghha ma wrietx dispett lejn l-awtorità tal-Qorti u l-kontumacja taghha lanqas kienet wahda kolpuza. Ghalhekk titlob li tithassar is-sentenza appellata tal-11 ta' Dicembru, 2012, kif ukoll li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti, sabiex tigi ammessa li tressaq l-eccezzjonijiet taghha fil-mertu, jinstemghu l-provi tal-partijiet u tinghata sentenza skont il-ligi.

Trattat is-sustanza tat-tieni aggravju tas-socjetà appellanti, imiss li jigu elenkati il-principji ta' dritt in materja.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-6 ta' Dicembru, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Pace & Pace Company Limited v. Integrated Business Systems Limted,** irriteniet illi:

> *"L-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut… u hija din id-disubbidjenza animata*

*psikologikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali."*

F'sentenza ohra tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tal-5 ta' Mejju, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Francis Cutajar et v. Mariano Farrugia et** intqal ukoll:

*"Illi mill-gurisprudenza nostrana johrog illi 'f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il- "culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" (Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia, deciza fis-16 ta' Frar 1996 mill-Qorti tal-Appell)'.*

Hekk ukoll fis-sentenza taghha tat-12 ta' Jannar, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Market Handle Limited v. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited**, inghad:

"Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja b'tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-ahhar zminijiet u gharfu u fissru bejn dik il-parti mharrka li turi disinteress assolut u l-ohra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawza u li ma lahqitx ghamlet dan jew ma lahqitx uzat il-mezzi li taghtiha l-ligi ghal raguni li ma kinitx tahti ghaliha."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-fatt li kienu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet sabiex tigi diskussa l-possibilità ta' transazjoni barra mill-Qorti bl-ebda mod ma tiggustifika l-kontumacja tas-socjetà appellanti. Mill-atti jirrizulta li l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet ilha ghaddejja sa mis-sena 2006 (ara f'dan is-sens ix-xiehda tar-rapprezentant tas-socjetà assiguratrici tas-socjetà appellata).

Dan ifisser, li minkejja li d-diskussjonijiet kienu ilhom ghaddejjin ghal kwazi hames snin, dawn baqghu qatt ma waslu ghal ftehim. Indikazzjoni cara li d-divergenzi bejn il-partijiet kienu konsiderevoli. Ghalhekk meta s-socjetà appellata fethet il-procedimenti odjerni permezz tar-rikors guramentat, kellu jkun car ghas-socjetà appellanti li kellha fl-ewwel lok id-dover li tikkontesta l-kawza sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha. Sussegwentement setghet tkompli tipprova tasal ghal transazzjoni mas-socjetà appellata. Certament izda ma tistax tghid li t-tentattiv li ssir transazzjoni jsarraf f'gustifikazzjoni ghall-kontumacja. L-agir xejn ghaqli da parti tas-socjetà appellanti jammonta ghal negligenza, peress li fis-sustanza hija qeghda tikkontendi li kienet kontumaci volutament. Konsegwentement il-kontumacja f'dan il-kaz ma tistax tigi gustifikata ghar-ragunijiet moghtija mis-socjetà appellanti. Ir-ragunijiet "validi" li tittanta tressaq is-socjetà appellanti, bhala gustifikazzjoni ghall-kontumacja taghha, ma huma xejn ghajr skuzi ghall-istess inadempjenza taghha. Inoltre tul il-kawza uriet nuqqas ta' ghaqal, peress li ladarba ma sehhitx it-transazzjoni, u s-socjetà appellata bdiet tressaq il-provi, dan kellu jkun sinjal iehor car, li hija kienet qeghda tmexxi bil-pretensjonijiet taghha u ghalhekk is-socjetà appellanti ma kellhiex thalli ghall-ahhar sabiex tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha. Id-disinteress assolut tas-socjetà appellanti huwa rifless ukoll fin-nuqqas li tidher quddiem il-Qorti tul il-proceduri.

Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tirrileva fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middlesea Valletta Life Assurance Co.** Limited, maz-zmien dan l-istitut nghata diversi interpretazzjonijiet, izda gew elenkati numru ta' principji sabiex tinghata certu konsistenza fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna fir-rigward, meta nghad:

> "Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq ghal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumacja u l-principji li ghandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin;
>
> "(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
>
> "(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
>
> "(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;
>
> "(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;
>
> "(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;
>
> "(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;
>
> "(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";
>
> "(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."

Ghalkemm is-socjetà appellanti targumenta li l-fatt li kien hemm id-difensur taghha prezenti allura ma jistax jinghad li kien hemm assenza fizika taghha, dan mhux meqjus sufficjenti. Kif gustament rilevat mis-

socjetà appellata, jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2012, fl-ewwel data appuntata ghas-smiegh, minkejja n-notifika, hadd mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta ma ndenja ruhu jidher quddiem l-ewwel Qorti u fis-seduti li saru sussegwentement, deher biss id-difensur legali taghha, u dan jikkuntrasta sew ma' principju iehor li jista' jinstilet mill-istess gurisprudenza citata mis-socjetà konvenuta u cioè li meta konvenut in kontumacja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawza, dan jitqies bhala turija li ma kienx hemm dak id-dispett lejn l-awtorità tal-Qorti, li jrid jirrizulta, sabiex il-kontumacja ma tigix gustifikata.  Ir-rispett kellu jintwera mis-socjetà appellanti, bhala l-parti mharrka fil-kawza, u mhux mill-avukat taghha.

Fil-fatt fis-sentenza ta' din il-Qorti appena citata qabel, jinghad ukoll li ghalkemm gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-konvenut fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita` gudizzjarja:

> "Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le.  Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li s-socjetà appellanti falliet fuq z-zewg fronti, kemm li tiggustifika l-kontumacja

taghha, kif ukoll li tidher fl-ewwel jum appuntat mill-ewwel Qorti ghas-smiegh tal-kawza.

Lanqas ma jista' jitqies l-ilment tas-socjetà appellanti, meta tghid illi id-difensur taghha talab l-opportunità li jiggustifika l-kontumacja, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012, izda l-ewwel Qorti cahdet din it-talba u wissietu li jekk ser issir talba f'dan is-sens, kien ser jinzamm hati ta' disprezz. Dan peress li mhux biss ma jirrizultax dan l-ilment, mill-verbal in atti tal-imsemmija seduta, izda fi kwalunkwe kaz, is-socjetà appellanti ressqet it-talba taghha kif irriteniet opportun, permezz tar-rikors taghha tas-7 ta' Dicembru, 2012, li gie deciz kif inghad qabel.

In kwantu fir-rikors tal-appell issir referenza ghal proceduri separati quddiem l-istess Qorti tal-prim'istanza fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut u minghajr talba ghall-gustifikazzjoni taghha, il-konvenut f'dik il-kawza nghata l-opportunità li jressaq il-provi, kif gustament osservat is-socjetà appellata, dak li jorbot il-partijiet f'kawza, ma jista' qatt jaghmel stat fil-konfront ta' zewg partijiet ohra f'kawza separata.

Ghalhekk lanqas dan it-tieni aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjetà konvenuta Cherubino Limited, billi tichad l-istess u tikkonferma fis-shih, kemm id-decizjoni tas-7 ta' Dicembru, 2012, kif ukoll is-sentenza appellata tal-11 ta' Dicembru, 2012.

L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-istess socjetà konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df